

**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-004570/2014**  
**lill-Kummissjoni**  
Artikolu 117 tar-Regoli ta' Proċedura  
**Claudette Abela Baldacchino (S&D)**

Suġġett: Sfharrig dwar il-forza tax-xogħol 2013

Skont l-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol tal-2013, il-popolazzjoni tal-UE-28 ta' bejn il-15 u l-74 sena ġiet ikklassifikata fi tliet gruppi: 216.4-il miljun persuna kellhom xogħol, 26.2 miljun kienu bla xogħol u 137.2 miljun ma kinux ekonomikament attivi.

Fost dawk li kellhom xogħol, 43.7 miljun kienu f'addiema part-time, li 9.9 miljun minnhom (23%) kienu sottoimpjegati, jiġifieri xtaqu jaħdmu aktar sigħat u kienu disponibbli biex jagħmlu hekk.

Min-naħa l-oħra, fost dawk li ma kinux ekonomikament attivi, kien hemm 9.3 miljun ruħ ta' bejn il-15 u l-74 sena disponibbli għax-xogħol imma li ma kinux qegħdin ifittxu xogħol, u 2.2 miljuni jfittxu xogħol imma li ma kinux disponibbli.

1. Tista' l-Kummissjoni toħroġ il-pjan direzzjonali tagħha biex trażżan il-qgħad?
2. Hemm stabbiliti xi politiki tas-suq tax-xogħol attivi?
3. Il-Kummissjoni għandha informazzjoni fuq il-kundizzjonijiet soċjali tan-nies li qegħdin jaħdmu fuq bażi part-time?